**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Gunju, 2021**
**Kawza nru : 148/2020 AGV**

**AB**
**Vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tar-rikorrenti AB li ddikjarat u talbet is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, twieled EDB nhar is-7 ta' Lulju, 2008 ;

2. Ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti illum intemmet ;

3. Kien biss ricentement, li l-intimat iddecieda li jgharraf lil ibnu E, b'mod ufficjali u dan wara li l-esponenti kienet fethet kawza ta' paternita' bin-numru 319/2018, fl-ismijiet 'AB noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku et'. Sussegwentement, wara li l-esponenti fether il-kawza, il-partijiet gew fi ftehim u l-intimat gharaf lill-minuri b'mod ufficjali bi procedura kontemplata fl-artiklu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta .

4. Ghalkemm l-intimat, wara d-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, datat 6 ta' April, 2020, fl-atti tal-medjazzjoni numru 304/2020 JPG fl-ismijiet 'AB vs CD' beda jivversa manteniment b'mod regolari, hemm diversi arretrati ta manteniment ghall-minuriE li ma thallsux ;

5. Maghdud ma' dan, l-intimat qatt ma wera xi tip ta 'interess versu l-minuri sabiex jistabilixxi relazzjoni mieghu.  Tant li l-intimat ilu ma jara lil ibnu ghal dawn l-ahhar snin u dan mhux ghaliex qieghed jigi mwaqqaf mir-rikorrenti, izda b'ghazla unika u unilaterali tieghu;

6. Il-kontendenti naqsu milli jilhqu ftehim dwar l-ezercizzju tad-drittijiet u l-obbligi taghhom, fil-konfront tal-imsemmi minri, u dan biss sforz l-inkuranza tal-intimat versu l-ahjar interessi tat-tifel tieghu, u ghaldaqstant, jehtieg l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti, sabiex jigu regolati l-istess drittijiet u obbligi ;

7. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi f'din l-istanza in forza ta digriet tal-Qorti (Dok A)

8. Illi r-rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u peress illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti ma kellix ir-rizultati mixtieqa, ir-rikorrenti ma kellah l-ebda ghazla ghajr illi tipprocedi kontra l-intimat f'din l-istanza, u qeghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti AB, ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, E, u dan fl-interess suprem tal-istess minuri ;

2. Tordna illi l-minuri jibqa' jirrisjedi permanentament flimkien mar-rikorrenti ;

3. Tiffissa retta alimentari, dovuta lir-rikorrenti mill-intimat, versu l-htigijiet tal-minuri, liema somma tkun tinkludi fiha u tkopri kontribut dovut mill-intimat versu l-htigijiet edukattivi u medici , u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri u tordna lill-istess intimat ihallas dik ir-retta alimentari hekk kif stabbilita' minn din l-Onorabbli Qorti, u dan skont dawk il-modalitajiet illi din l-istess Qorti jidrilha xierqa w opportuni fic-cirkostanzi, inkluz b'inkrement perjodiku fl-istess retta alimentari versu z-zieda fil-gholi tal-hajja ;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunkwe assistenza statali mhallsa versu l-htigijiet tal-minuri, tibda tigi percepita mir-rikorrenti ad eskluzjoni tal-intimat ;

5. Tillikwida l-arretrati ta’ manteniment mid-data tat-twelid tal-imsemmi minuri sad-data tal-effettiva kundanna ta’ hlas ta’ manteniment, mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti, pagabbli mill-istess intimat lir-rikorrenti ;

6. Tikkundanna lill-istess intimat, sabiex ihallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk stabbilita’ u likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bhala arretrati ta’ manteniment skont it-talba precedenti, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f’dan ir-rigward mill-istess Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut CD, debitament notifikat, naqas milli jwiegeb ghar-rikors guramentat tal-attrici, u ghalhekk gie dikjarat kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi prodotti.

Rat id-digriet datat 6 ta’ April, 2020, fl-atti tal-medjazzjoni 304/20.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet twieled il-minuri EBD li fi ftit jiem ohra jaghlaq tlettax-il sena. Mill-provi prodotti mill-attrici, li ma gew kontradetti jew kontestati b’ebda mod, jirrisulta li l-missier huwa assenti mill-hajja ta’ ibnu. Il-Qorti tifhem li l-konvenut, ladarba ghazel li ma jikkontestax il-kawza u ma jidherx ghall-procedimenti quddiemha, ftit li xejn ghandu interess. Ghalhekk it-

talbiet kollha tal-attrici sejrin jintlaqghu, kif ser jinghad. Il-kura w kustodja effettiva qed tinghata lill-attrici, u r-residenza tal-minuri wkoll ser tkun mal-attrici. Il-manteniment kif ordnat fid-digriet tas-6 ta’ April, 2020, qed jigi ikkonfermat, b’dana illi l-istess manteniment joghla b’ €25 fix-xahar kull sentejn, bhala kumpens ghall-gholi tal-hajja.

L-attrici qeghdha titlob ukoll arretrati ta’ manteniment u ta’ spejjez ohra, li taghhom kienet ippresentat prospett fl-affidavit taghha. Il-Qorti, izda, rat li ma giet prodotta ebda ricevuta ta’ dawn l-ispejjez. Ghalkemm il-konvenut huwa kontumaci, dan ma jfissirx li l-attrici tista’ tressaq talbiet minghajr ma tissostanzjahom bi provi konkreti. Ghalkemm il-Qorti tista’ tippresumi x’setghu kienu l-ispejjez involuti fit-trobbija tal-minuri, ma taqbilx li ghandu jigi likwidat l-ammont li qed titlob l-istess attrici minghajr ma tippresenta ebda ricevuta ta’ dawn l-ispejjez. Ghal din ir-raguni, il-Qorti mhix sejra tilqa’ r-rifuzjoni ta’ nofs l-ispejjez ta’ oggetti bhal laptop, rota, playstation, u ohrajn, ladarba ma gietx prodotta prova ta’ kemm fil-fatt swew dawn l-oggetti. Ghalhekk il-Qorti sejra tillikwida hi ammont ta’ arretrati u spejjez, a bazi tal-provi l-ohra prodotti minnha. Nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni ghal tmien snin qed jigu likwidati fl-ammont ta’ €950, mentri nofs l-ispejjez ta’ sahha ghal tnax-il sena qed jigu likwidati fl-ammont ta’ €600.

Kwantu ghall-manteniment, dan ser jigi kkalkolat kif qed titlob l-attrici, fuq bazi ta’ 140 xahar, jigifieri mit-twelid sad-data tad-digriet fil-medjazzjoni, izda fuq ammont ridott, ikkalkolat fuq ammont ta’ €150 u mhux fuq €225 fix-xahar. Dawn jammontaw ghal total ta’ €21,000. Ghalhekk it-total ta’ arretrati ta’ manteniment u nofs l-ispejjez ta’ sahha w edukazzjoni b’kollox jammontaw ghal €22,550.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attrici qed tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, E, u dan fl-interess suprem tal-istess minuri ;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi l-istess minuri jibqa' jirrisjedi permanentament flimkien mal-attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiffissa r-retta alimentari, dovuta lill-attrici mill-konvenut, versu l-htigijiet tal-minuri, fl-ammont ta' €225.00 fix-xahar, liema somma tinkludi fiha u tkopri kontribut dovut mill-intimat versu l-htigijiet edukattivi u medici, u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri.

   Tordna lill-istess konvenut ihallas dik ir-retta alimentari hekk kif stabbilita minn din il-Qorti, liema manteniment jizdied b' €25.00 fix-xahar kull sentejn, sa ma l-minuri jaghlaq l-eta' ta' 18-il sena, u dan il-manteniment hekk awmentat jibqa' jithallas sa eghluq it-23 sena, jekk it-tifel jibqa' jistudja u ma jkollux impieg 'full time'.

4. Tilqa' r-raba' talba u ghalhekk tiddikjara illi kwalunkwe assistenza statali mhallsa versu l-htigijiet tal-minuri, tibda tigi percepita mill-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut;

5. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-imsemmi minuri sad-data tal-effettiva kundanna ta' hlas ta' manteniment, mahduma bir-rata ta' €150.00 fix-xahar, li jammontaw ghal €21,000.00, flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni, ammontanti ghal €1,550.00.

6. Tilqa’ s-sitt talba u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma hekk stabbilita u likwidata minn dina l-Qorti bhala arretrati ta’ manteniment skont it-talba precedenti.

Bl-ispejjez kontra  l-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**